MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2512/2002

**HLB Falzon & Falzon**

**vs**

**Micro Technology u b'digriet tat-Tribunal tas-6 ta' Dicembru 2002, mal-isem tal-konvenut ghandhom jigu mizjudin l-kliem "Philip Cortis ezercenti l-kummerc bl-isem" qabel il-kliem "Micro Technology", kif ukoll iz-zieda tal-kliem "Micro Technology Consultanty Limited".**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lid-ditta attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1500) rappresentanti l-prezz gja imhallas ta' hames *computers* li is-socjeta konvenuta obbligat ruhha li

tghaddi lid-ditta attrici fit-30 ta' Awissu 2002, liema *computers* ghadhom ma gewx ikkonsenjati, oltre parti mid-danni materjali sofferti mid-ditta attrici.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mill-10 ta' Settembru 2002, kontra s-socjeta konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta pprezentata fid-29 ta' Novembru 2002, fejn gie ecceppiet illi:

1. Dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jisma' din il-kawza stante li ma tirrigwardax *money claim*.
2. minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ebda ammont m'hu dovut lis-socjeta attrici.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra id-digriet tas-6 ta' Dicembru 2002 fejn giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u senjatament fl-isem tas-socjeta konvenuta billi ghandhom jizdiedu il-kliem "Philip Cortis ezercenti l-kummerc bl-isem' qabel il-kliem "Micro Technology", kif ukoll li jizdiedu l-kliem "Micro Technology Consultancy Limited".

Sema' x-xhieda ta' Dr. Stephen Mifsud ghan-nom tad-ditta attrici u tal-konvenut Philip Cortis.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti u senjatament l-affidavit ta' Dr. Stephen Mifsud esebit a fol 15 tal-process.

Ikkunsidra,

1. **<u>L-eccezzjoni ta'l-inkompetenza tat-Tribunal</u>**

Illi l-konvenuti qeghdin jecepixxu l-inkompetenza ta' dana it-Tribunal stante illi it-talba attrici ma hijiex talba ghal kundanna ta' hlas ta' somma flus.

Illi t-talba li qieghda tressaq d-ditta attrici hija ghal rifuzjoni ta' somma flus kif ukoll talba ghal hlas ta' danni fejn l-ammont ma jeccediex l-Lm1500. L-artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi t-Tribunal

jista’ jisma’ u jiddeciedi t-talbiet kollha  ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltin. Illi l-konvenuti issotnu illi t-talba ghal rifuzjoni tal-prezz tal-parts tal-*computers* mibjugha ma tistax treggi jekk ma ikunx hemm dikjarazzjoni illi l-bejgh qed jigi rexiss f’liema kaz, it-Tribunal ma ikunx kompetenti jiddeciedi din it-talba.

Illi mill-att promotur jidher illi id-ditta attrici qieghda titlob il-hlas ta’ somma flus u cioe’ rifuzjoni ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u talba ghal hlas tad-danni. Illi anke jekk wiehed ihares lejn in-natura ta’l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, dawn ukoll min-natura taghhom ma jezorbitawx l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante illi l-unika eccezzjoni li jissollevaw l-konvenuti hija fis-sens illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut, u dana minghajr l-ebda elaborazzjoni. Illi ghalhekk ma jidhirx illi min-natura tat-talba u ta’l-eccezzjonijiet sollevati, it-Tribunal qed jigi ezawtorat mill-kompetenza tieghu.

Illi inoltre ghar-rigward tat-talba ghad-danni, din ukoll taqa’ fil-kompetenza ta’ dan it-Tribunal peress illi tirreferi ghal hlas ta’ somma flus. Illi kif tajjeb issottolinjat l-Onorabbli Qorti ta’l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Av. Dott Damien Damien von Schembri vs Miriam Mintoff: “Huwa pacifiku fi skorta ta’ decizjonijiet illi b’applikazzjoni tar-regola li kull wiehed ghandu jirrispondi ghal hsara li tigri bi htija taghha, min ikun rebbieh f’kawza ghandu dritt jitlob id-danni mill-parti l-ohra. Jekk imbaghad dawn id-danni u l-pretensjoni dwarhom humiex jew le fondati dik tibqa’ materja rizervata ghall-epurazzjoni u apprezzament taghha fil-mertu. Dan jigri dejjem fil-kaz ta’ azzjonijiet ghad-danni ta’ liema xorta jkunu. Hekk per ezempju ma huwiex negat illi t-Tribunal “de quo” ghandu gurisdizzjoni li jinvesti materji dwar danni prestabbiliti derivanti minn incident stradali.’

Illi ghalhekk, abbazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal iqies illi t-talba attrici kif imposta, fid-dawl ta’l-eccezzjonijiet sollevati, taqa’ fil-parametri ta’ dak dispost fl-Kapitolu 380 u ghalhekk ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

## 2. L-eccezzjoni fil-mertu.

Illi l-konvenuti qeghdin jeccepixxu fil-mertu illi l-ebda ammont ta’ flus ma huwa dovut lis-socjeta attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuti bieghu lid-ditta attrici *component parts* ghal hames *computers* proprjeta tad-ditta attrici. Dawn il-*parts* kellhom jigu *assembled* mill-istess ditta attrici. Ma jidhirx illi kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet illi dana kellu isir mill-konvenuti. Id-ditta attrici ghalhekk hallset ghal prezz ta’ dawn il-*parts* li kien jammonta ghal Lm569 u l-istess merkanzija giet ikkonsenjata mill-konvenuti ghalkemm id-ditta attrici issostni illi dawn gew ikkonsenjati iktar tard mid-data miftiehma.

Gara illi meta l-avukat Stephen Mifsud gie biex jimmonta il-*computers* b’dawn il-parts mixtrija, il-computers ma bdewx jahdmu u ghalhekk rega’ hadhom lura ghand il-konvenut Philip Cortis sabiex ighidlu x’kien hemm hazin fl-istess. Jidher illi l-konvenut dam zmien twil sabiex jistabbilixxi x’kienet il-kagun ‘il ghala dawn ma bdewx jahdmu u anke sahansitra kellu kuntatt mas-suppliers tieghu barra minn Malta, meta fl-ahhar stabbilixxa illi kien hemm xi *settings* hziena u kien ghalhekk li l-computers ma bdewx jahdmu. Jidher illi ma kien hemm xejn difettuz fil-*parts* mibjugha lid-ditta attrici, izda jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi l-*computers* baqghu fil-pussess tal-konvenuti u ma gewx irritornati lid-ditta attrici ghalkemm din kienet hallset il-prezz taghhom. Illi ghalhekk gialdarba id-ditta attrici hallset il-prezz kollu tal-merkanzija mibjugha, liema merkanzija illum tinstab fil-pussess tal-konvenuti, kwindi l-istess konvenuti huma tenuti jirrifondu il-flus li id-ditta attrici hallset stante illi inkella ser ikun hemm kaz ta’ arrikkiment indebitu da parti tal-konvenuti li ghandhom fil-pussess taghhom mhux biss din il-merkanzija, izda ukoll il-prezz ta’l-istess.

Illi ghar-rigward tat-talba ghad-danni, it-Tribunal huwa tal-fehma illi id-ditta attrici ma irnexxiliex tipprova l-ammont tad-danni illi hija sofriet. Huwa minnu illi jirrizulta illi l-*parts* gew ikkonsenjati tard u ukoll minhabba il-fatt illi ma bdewx

jahdmu, l-istess ditta attrici ma kelliex l-uzu ta' dawn il-*computers* ghalkemm kienet ippressata fiz-zmien minhabba n-natura tax-xoghol illi hija taghmel, izda x'kienu id-danni sofferti ma giex ippruvat sodisfacentement. Lanqas ma gew esebieti xi dokumenti rigward il-paga li thallset lill-impjegati jew studenti li gew impjegati sabiex juzaw dawn il-*computers*. L-unika prova li tressqet kienet il-formula tal-bidu u tat-tmiem ta'l-impieg mal-ETC. Lanqas gew prodotti l-impjegati stess sabiex jikkonfermaw illi huma gew impjegati inutilment u li kellhom jitkeccew minhabba li ma setghux jahmdu minghajr dawn il-*computers*. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jasal sabiex jikkundanna lill-konvenuti ghal hlas tad-danni, meta lanqas biss jirrizulta mill-provi prodotti f'hix kienu jikkonsistu dawn id-danni u jekk allura hemmx ness bejn dawn l-istess danni u xi nuqqas da parti tal-konvenuti!

Illi finalment ghandu jinghad illi l-konvenuti fit-trattazzjoni orali taghhom isostnu illi n-negozju sar bejn id-ditta attrici u is-socjeta Micro Technology Consultancy Limited u li ghalhekk il-konvenut Philip Cortis ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi ghandu jinghad illi ma jirrizultax illi l-konvenuti ressqu xi eccezzjoni formali f'dan ir-rigward u kwindi fin-nuqqas, it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din is-sottomissjoni li giet sollevata biss fl-ahhar seduta quddiem it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa' it-talba attrici limitatament ghat-talba ghar-rifuzjoni tal-prezz tal-merkanijza mibjugha mill-konvenuti lid-ditta attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lid-ditta attrici s-somma ta' hames mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm569), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Settembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuti u terz mid-ditta attrici.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------